Verżjoni Elettronika

A.L. 122 tal-2024

ATT DWAR L-AGRIKOLTURA
(KAP. 639)

Regolamenti tal-2024 dwar il-Kategorizzazzjoni tal-Bdiewa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 tal-Att dwar l-Agrikoltura, il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u affarijiet rurali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar il-Kategorizzazzjoni tal-Bdiewa.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li joħolqu kategoriji ta' azjendi agrikoli u jikkategorizzaw lill-bdiewa skont l-attività ekonomika tagħhom.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u affarijiet rurali, jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti, liema dati ma għandhomx ikunu ta' anqas minn xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Agrikoltura; Kap. 639.

"azjendi kummerċjali" tfisser azjendi agrikoli ġestiti minn bidwi bi produzzjoni standard ta' erbat elef euro (€4000) jew aktar fis-sena:

Iżda azjendi agrikoli bi produzzjoni standard ta' anqas minn erbat elef euro (€4000) fis-sena ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala azjendi kummerċjali;

"Bord" tfisser il-Bord ta' Evalwazzjoni ta' Azjenda kif imwaqqaf bir-regolament 5;

"data" tfisser kwalunkwe data relatata mal-aspetti kollha tal-produzzjoni u l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli inklużi iżda mhux limitati għall-istruttura tal-azjenda agrikola, il-post, iż-żamma tal-kotba, l-impjiegi u l-prattiki agrikoli u tal-ipproċessar;

Verżjoni Elettronika

"dħul annwali" tfisser il-valur miżjud annwali għal kull taqsima ta' ħidma annwali ta' azjenda kummerċjali;

"introjtu annwali derivat" tfisser l-introjtu annwali tal-azjenda kummerċjali kkalkulat abbażi tad-daqs tal-azjenda agrikola;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura;

"Ministeru" tfisser il-Ministeru għall-agrikoltura;

Kap. 422.

"Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika" tfisser l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika kif imwaqqaf skont l-artikolu 9 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta, jew kwalunkwe korp jew persuna oħra li tista', minn żmien għal żmien, taqdi l-funzjonijiet tagħha;

"produzzjoni standard" tfisser il-valur standard ta' produzzjoni gross ta' azjendi kummerċjali kif jista' jiġi kkalkulat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi n-Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli u, jew ippubblikat mill-Eurostat skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, kif fis-seħħ minn żmien għal żmien;

(2) Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti li mhumiex imfissra f'dan ir-regolament għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

L-istabbiliment tas-Sistema ta' Kategorizzazzjoni tal-Azjendi Agrikoli u l-parametri referenzjarji relatati.

3. (1) Id-Direttur għandu, permezz ta' avviż tal-Gvern fil-Gazzetta, jippubblika f'tabelli l-parametri referenzjarji sabiex jipprovdi għall-kategorizzazzjoni ta' azjendi kummerċjali għal kull kategorija ta' attivitajiet adegwatament definiti u attribwibbli għal azjendi kummerċjali, u dak l-avviż għandu jipprovdi wkoll parametri referenzjarji sabiex jiġi stabbilit l-introjtu annwali derivat ta' azjendi kummerċjali skont il-produzzjoni standard applikabbli għalihom:

Iżda meta jagħmel dan id-Direttur għandu japplika metodoloġija adegwatament simplifikata sabiex jikkalkula l-introjtu annwali derivat ta' azjendi kummerċjali.

(2) L-istudji li jsejjsu d-determinazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandhom jiġu aġġornati perjodikament fid-diskrezzjoni tad-Direttur billi jintużaw għodod, strumenti u varjabbli statistiċi adegwati:

Iżda fid-diskrezzjoni tad-Direttur, l-avviż tal-Gvern għandu

Verżjoni Elettronika

jkollu wkoll informazzjoni rilevanti oħra konsistenti mal-metodoloġija involuta, bħan-numru ta' unitajiet ta' bhejjem u ż-żona ta' art agrikola utilizzata:

Iżda wkoll il-kategorizzazzjoni ta' azjendi kummerċjali msemmija f'dan ir-regolament għandha tiġi riveduta mill-inqas kull ħames (5) snin.

(3) It-tabelli msemmija f'dan ir-regolament għandhom jikkategorizzaw l-introjtu annwali derivat mill-azjenda agrikola f'erba' (4) klassijiet li jinkludu l-azjendi kummerċjali kollha fil-meded li ġejjin:

(a) inqas minn jew daqs il-paga minima skont il-liġijiet applikabbli;

(b) aktar mill-paga minima u anqas jew daqs il-punt tan-nofs bejn il-paga minima u l-paga bażika medja għall-impjegati kif irrappurtat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika;

(ċ) aktar mill-punt tan-nofs bejn il-paga minima u l-paga bażika medja għall-impjegati kif irrappurtat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, u inqas minn jew daqs il-paga bażika medja għall-impjegati kif irrappurtat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika; u

(d) aktar mill-paga bażika medja għall-impjegati kif irrappurtat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

(4) Il-kategoriji ta' attivitajiet għandhom jiddifferenzjaw bejn l-azjendi tal-bhejjem u tal-uċuħ tar-raba', u jinkludu razzjonalizzazzjonijiet sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet ta' azjendi ta' attivitajiet imħallta, skont avviż ippubblikat mid-Direttur fil-Gazzetta.

Kategorizzazzjoni ta' azjendi kummerċjali.

4. (1) Sal-aħħar ta' Marzu ta' kull sena d-Direttur għandu jikkategorizza kull azjenda kummerċjali f'waħda mill-erba' (4) kategoriji ta' introjtu derivat mir-razzett skont id-data tal-produzzjoni standard ta' tali azjenda kummerċjali kif disponibbli għall-Ministeru.

(2) Il-kategorizzazzjoni għandha tkun ibbażata fuq id-data tas-snin ta' qabel u għandha tqis iċ-ċikli li fihom il-prodott agrikolu partikolari jkun tqiegħed għad-dispożizzjoni tas-suq matul is-sena.

(3) Id-Direttur għandu jikkategorizza l-azjenda kummerċjali billi jattribwixxi l-kategorizzazzjoni bbażata fuq il-produzzjoni standard tas-sena ta' qabel u billi jattribwixxi l-produzzjoni standard tal-medja tat-tliet (3) snin ta' qabel is-sena ta' kategorizzazzjoni.

Verżjoni Elettronika

(4) Bidwi jista' jitlob rikategorizzazzjoni billi jagħmel dikjarazzjoni lill-Bord, li tipprova kif xieraq il-produzzjoni standard tal-azjenda agrikola, permezz tas-sottomissjoni ta' talba lill-Bord bid-dokumentazzjoni ta' sostenn li hija kollha meħtieġa, kif ġej:

(a) id-dokumentazzjoni kollha pprovduta lill-awtoritajiet fiskali fir-rigward tal-attivitajiet agrikoli tal-azjenda agrikola;

(b) pjanti tas-sit tal-biċċiet ta' art li jkunu qed jiġu kkultivati mill-azjenda agrikola;

(ċ) prova li l-azjenda agrikola qed tiġi ġestita mill-bidwi li qed jitlob ir-rikategorizzazzjoni;

(d) pjanijiet tal-uċuħ tar-raba' mill-azjenda agrikola u kwalunkwe ftehim relatat mal-azjenda agrikola; u

(e) kwalunkwe dokumentazzjoni oħra li tista' tintalab mill-Bord, minn żmien għal żmien:

Iżda azjendi li l-informazzjoni tagħhom il-bidwi ma jkunx għamel disponibbli għall-Ministeru ma għandhomx jiġu kkunsidrati:

Iżda wkoll bdiewa li jagħżlu li jitolbu għar-rikategorizzazzjoni għandhom jipprovdu s-sottomissjonijiet kollha tagħhom sa mhux aktar tard minn Ġunju tal-istess sena.

Il-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Azjenda.

5. (1) Il-Ministru għandu jaħtar Bord li għandu jkun responsabbli sabiex jevalwa t-talba magħmula skont ir-regolament 4(4).

(2) Il-Bord għandu jkun magħmul minn:

(a) President, li għandu jkun uffiċjal pubbliku li jkollu grad sostantiv ta' skala ħamsa (5) jew ogħla fi ħdan is-servizz pubbliku u li jservi fi ħdan il-Ministeru;

(b) espert agronomiku li jkun uffiċjal pubbliku fi ħdan il-Ministeru; u

(ċ) uffiċjal tal-ekonomija li jkun uffiċjal pubbliku fi ħdan il-Ministeru.

(3) Uffiċjal tad-Direttorat għandu wkoll jinħatar mid-Direttur sabiex jaġixxi ta' segretarju tal-Bord.

(4) Il-Bord għandu joħroġ id-deċiżjonijiet tiegħu lill-bdiewa

Verżjoni Elettronika

bil-miktub sa mhux aktar tard minn disgħin (90) jum minn meta l-bdiewa li jitolbu għar-rikategorizzazzjoni jipprovdu s-sottomissjonijiet tagħhom, iżda jekk l-aħħar jum ta' dak it-terminu ma jkunx jum ta' xogħol id-deċiżjoni għandha tiġi kkomunikata lill-bdiewa mhux aktar tard mill-jum ta' xogħol sussegwenti:

Iżda d-deċiżjoni tad-Direttur għandha *inter alia* tinkludi l-kategorizzazzjoni attribwita lill-azjenda kummerċjali.

Kontestazzjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Kap. 490.

6. Bidwi jista' jikkontesta deċiżjoni skont ir-regolament 5(4) billi jippreżenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva imwaqqaf skont l-artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva fi żmien tletin (30) jum mid-data tan-notifika lill-bidwi bid-deċiżjoni tal-Bord.